

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/822

tas-17 ta' April 2023

dwar l-emendar tar-Regolament (UE) Nru 461/2010 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 19/65/KEE tat-2 ta' Marzu 1965 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehim u prattiki miftiehma <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv dwar Prattiki Restrittivi u Posizzjonijiet Dominanti,

Billi:

- (1) Sal-31 ta' Mejju 2023, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 461/2010 <sup>(2)</sup> jagħti, lil kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiki miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur, eżenzjoni ta' kategorija mill-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 101(1) tat-Trattat, soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet.
- (2) L-operat tar-Regolament (UE) Nru 461/2010 għe mmonitorjat u evalwat skont l-Artikolu 7 tiegħu. Dik l-evalwazzjoni uriet li l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 461/2010, b'mod ġenerali, għet perċepita b'mod pożittiv.
- (3) Il-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 461/2010 huwa limitat għal akkordji vertikali u prattiki miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur li fir-rigward tagħhom il-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 101(3) tat-Trattat tista' tiġi preżunta b'ċertezza suffiċjenti. F'dak ir-rigward, ma kien hemm l-ebda bidla sinifikanti fil-kundizzjonijiet tas-suq li jirfdu r-Regolament (UE) Nru 461/2010, għalhekk xorta jista' jiġi preżunt b'ċertezza suffiċjenti li l-akkordji vertikali u l-prattiki miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur li għalihom japplika dak ir-Regolament ikomplu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 101(3) tat-Trattat. L-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 461/2010 għalhekk jenħtieġ li tiġi estiża.
- (4) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tqis il-bidliet possibbli fil-kundizzjonijiet tas-suq, jenħtieġ li l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 461/2010 jiġi estiż b'ħames snin.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 461/2010 jiġi emendat skont dan,

<sup>(1)</sup> ĠU 36, 6.3.1965, p. 533/65.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 461/2010 tas-27 ta' Mejju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiki miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur, (ĠU L 129, 28.5.2010, p. 52).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 461/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 7*

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-operat ta' dan ir-Regolament u twettaq evalwazzjoni tiegħu qabel l-31 ta' Mejju 2028.”;

(2) fl-Artikolu 8, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Għandu jiskadi fil-31 ta' Mejju 2028.”*

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' April 2023.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

---